## ECCE HOMO!

*Għaddej*
*Wieħed*
*Waħdu.*

*Djar . . .*
*Hitan . . .*
*Bibien . . .*

*Min huwa?*
*Wisq naf!*

*Ejja araħ.*
*Tafu xejn?*

*Għalija sata' ma twelidx!*

14.vii.1970 ANTON AGIUS MUSCAT

## RADD TA' HAJR

*(Fl-Ewwel Quddiesa ta' Dun Girgor Grech)*

*Mulej, kif nibda nagħtik ħajr u ġieħ*
*Għal dak li għamilt miegħi, x'ħin għażiltni*
*Minn fost oħrajn (int taf għaliex!); għamiltni*
*Sajjied l-erwieħ mifdija? — Minnufih*
*Tlaqt kollox għal warajk; imbagħad, mistrieħ*
*Il-ġenna fawwar f'qalbi; dlonk qajjimtni*
*Għad-Dawl tal-Jum mid-Dlam tal-Lejl; qarbintni*
*B'demmek l-għażiż biex f'Emmnek nibqa' sħiħ.*

*Alla tal-ġnus, Ġesù, għajn tal-Qdusija,*
*Li tajtni s-setgħa naħfer dnub il-bniedem,*
*Inħossni żgħir fl-ewwel quddiesa tiegħi;*
*Għax x'jien ħlief bniedem dgħajjef, bin il-ħtija,*
*Bħal midinbin, għal dnubi u dnubhom niedem?*
*Biex qatt ma nittradik, kun dejjem miegħi!*

27.vi.70 Ġ. AQUILINA